MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Numru. 626/2009

**Il-Pulizija**

**(Spett. Fabian Fleri)**

**vs.**

**Ahmed Gosibat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet ta' dina l-Qorti tat-3 ta' Settembru 2009[1] - migjuba kontra Ahmed Gosibat ta' 39 sena, iben Taher u Fatima Ali Ahmed, imwieled Libja nhar id-29 ta'

[1] Ara fol. 67 tal-process

Lulju 1969 u residenti 'Villa Gosibat', Triq Birkirkara, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 35110(A).

Akkuzat talli:

1. Gewwa San Gwann fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Gunju, 2009, ikkommetta serq mill-ufficini tal-kumpanija 'Cyberpass' sitwata gewwa Triq il-Qasab San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, u bil-valur li tiskorri 2,239.37 Euro, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-imsemmija kumpanija u/jew persuni ohra;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri 116.47 Euro, u li saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija 'Cyberpass' u/jew persuni ohra;
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha pussess ta', ghamel hsara fi jew qered xi computer, sistema ta' computer, computer network jew provvisti ta' computer li jintuzaw jew huma mahsubin li jintuzaw f'xi computer, sistema ta' computer jew computer network jew hassar it-thaddim ta' xi wiehed minnhom;
4. U aktar talli nhar id-29 ta' Gunju, 2009 ghall-habta tal-11:00 ta' filghodu waqt li kien Bahar ic-Caghaq ma' obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma' halliex jew fixkel diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jghamlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jghamlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' kontra is-Surgent tal-Pulizija 746 Geoffrey Attard McCarthy u tal-Kuntistabbli 337 Mark Anthony Mercieca, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi minn awtorita kompetenti.
6. Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Ahmed Gosibat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus skond l-Artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika

fil-konfront tal-hati l-ordni ta' protezzjoni favur id-diretturi tal-kumpanija Cyberpass is-sur Tony Farrugia u s-sur Jeffrey Farrugia kif ukoll l-impjegati tal-istess kumpanija u dan ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fil-31 ta' Dicembru, 2009[2], fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) l-artikolu 261(b), (c), (d), (f), 263, 264, 267, 268(a)(d), 270, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) l-artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) l-artikolu 337D(b) u 337F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Rat in-nota ta' riferenzi pprezentata mid-difiza;

Ikkunsidrat:

[2] Ara fol. 161 tal-process.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat hu espert fl-*Information Technology*. Fis-sena 2008 huwa gie mpjegat bhala *Chief Technical Officer* mas-socjeta' Cyberpass Limited. Hemm kunflitt fil-provi dwar id-data meta gie mpjegat preciz, pero' dan mhux relevanti ghal fini tal-kawza odjerna.
2. Is-socjeta' Cyberpass Limited hija kumpanija li tispecjalizza fl-*information technology*, b'mod partikolari fit-*tracking* tal-vetturi.[3]
3. L-impjieg tieghu gie terminat mis-socjeta' Cyberpass Limited, skont l-imputat f'Marzu 2009[4] u skont il-*managing director* tas-socjeta', Anthony Farrugia, fil-15 ta' Mejju 2009.[5]
4. Dan l-impieg gie terminat fuq nota hazina, stante li l-imputat kien qed jallega li l-*managing director* tas-socjeta' Anthony Farrugia u t-*technical director* tas-socjeta' Jeffrey Farrugia fost affarijiet ohra kisrulu d-drittijiet tieghu bhala haddiem u ma hallewhx jiehu lura l-affarijiet tieghu – ghodda, kotba u *compact discs*. Min-naha l-ohra Jeffrey Farrugia tella' *blog* fuq l-*internet* li kien fih tlett (3) kapitoli fejn fost affarijiet ohra, allega li waqt l-impjieg tieghu, l-imputat kien abbuza mis-socjeta' tieghu u li dak iz-zmien kien qed jheddu li jrid joqtlu.[6]
5. Fil-lejl bejn it-28 u 29 ta' Gunju 2009, l-imputat mar gol-binja fejn hemm l-ufficcini tas-socjeta' *Cyberpass Limited*, sgassa l-bieb ta' barra u bieb iehor, u ha diversi apparat tekniku, inkluz zewg *servers* u *computers* minn dawn l-ufficini. Skont ix-xhieda tal-*managing director*, Anthony Farrugia, l-affarijiet kollha li ttiehdu kellhom valur ta' €20, 495.[7] Min-naha l-ohra skont l-imputat, l-affarijiet li ha kienu qodma u ma jiswewx iktar minn €1000.[8]
6. Fid-29 ta' Gunju 2009 fl-4.00pm, il-*managing director,* Anthony Farrugia, ircieva *email alert* awtomatika, li s-servers kienu waqfu. Peress li dak il-hin kien rieqed ma ndunax. Pero infurmah fil-ghodu wiehed minn shabu, u hu mar l-ufficini ghal habta tad-9.00a.m. biex jara x'kienet il-problema u sab il-bieb sgassat u l-apparat nieqes.[9]
7. Fl-istess gurnata, cioe fid-29 ta' Gunju 2009, ghal habta tal-11.00 a.m., l-imputat mar bil-vettura tieghu Bahar ic-Caghaq, fl-akkwati tal-*White Rocks* u beda jhott l-apparat li kien ha mill-vettura tieghu u jahbieh taht is-sigar.

[3] Ara xhieda ta' Anthony Farrugia, *managing director* tas-socjeta, a fol. 51 tal-process.
[4] Ara xhieda tal-imputat a fol. 225 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Anthony Farrugia a fol. 50 tal-process.
[6] Ara xhieda tal-Ispettur Anthony Portelli a fol. 144-145 tal-process, u d-dokument ezebit a fol. 152 *et seq.* tal-process.
[7] Ara Dok AF a fol. 62 tal-process.
[8] Ara xhieda tal-imputat a fol. 243 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Anthony Farrugia a fol. 50 tal-process.

8. Waqt li kien jaghmel dan, resqet fil-qrib karozza tal-pulizija tal-*mobile squad*, u malli raha, l-imputat ippanikja u harab jigri u stahba. Il-pulizija bdiet tigri warajh, u gabu r-rinforzi, u fl-ahhar sabu lill-imputat taht sigra tat-tin.
9. L-imputat jghid li l-ufficcjali tal-pulizija marru ghalih bir-revolver f'idejhom u sparaw tir fl-arja u ghalhekk beza', telaq jigri u mar jistahba. Jghid ukoll li ghaddew xi rimarki razzisti u xi wiehed minnhom tah daqqa ta' revolver fuq rasu, waqt li kien bil-qieghda u kkagunawlu ferita.[10] Jghid ukoll li wara li immanettjawh tawh zewg tiri bit-*taser*.[11]
10. Min-naha l-ohra, l-ufficcjali xehdu li meta sabu lill-imputat, wiccu kien diga kollu demm u grif, u huwa irrezista l-arrest u ipprova jigdem lis-surgent. Ghalhekk is-surgent kellu juza it-*taser* biex ikunu jistghu jarrestawh. Huma nnegaw li xi hadd minnhom tah daqqa ta' revolver fuq rasu.[12]
11. Ghalkemm il-Pulzija sabu hafna mill-apparat li l-imputat kien ha mill-ufficini ta' Cyberpass Limited, huma ma sabux kollox, u b'mod partikolari tlett servers.
12. L-imputat ittiehed fl-ufficju tal-Ispettur Anthony Portelli. L-Ispettur Portelli fehem lill-imputat li kien hemm tminn (8) impjegati mhux qed jahdmu ghaliex minghajr is-servers ma setghux jahdmu, u s-socjeta' Cyberpass Limited kienet baghtithom id-dar bil-*leave*. L-imputat hass ghal dawn it-tmienja (8) min-nies, u ha lill-pulizija f'postijiet ohra fil-White Rocks, minn fejn gie elevat il-kumplament tal-apparat.[13]
13. L-apparat misjub gie kollu ritornat lis-socjeta' Cyberpass Limited, u kemm Anthony Farrugia kif ukoll Jeffrey Farrugia xehdu li hadu kollox lura.[14] Jeffrey Farrugia xehed li ma kienx hemm hsara fuq il-*hardware*, hlief ghal xi brix li seta' sar waqt li kienu qed jigu mormija.[15]

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

*<u>L-imputazzjonijiet dwar ksur tal-Artikoli 261(b), (c), (d), (f), 263, 264, 267, 268(a)(d), 270, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kodici Kriminali</u>*

[10] Ara certifikat mediku tal-imputat ezebit bhala Dok AP1 a fol. 147 tal-process.
[11] Ara xhieda tal-imputat a fol. 241-242 tal-process, l-istqarrija tal-imputat a fol. 42 tal-process u c-certifikat mediku ezebit bhala Dok AP1 a fol. 147 tal-process.
[12] Ara xhieda ta' PS746 Geoffrey Attard McCarthy a fol. 76-78 tal-process, PC337 Mark Mercieca a fol. 80 tal-process u PC1187 Omar Zammit.
[13] Ara xhieda tal-Ispettur Anthony Portelli a fol. 139 tal-process, u xhieda ta' PS8 Stephen Bezzina a fol. 128 tal-process.
[14] Ara xhieda ta' Anthony Farrugia a fol. 52-53 tal-process u xhieda ta' Jeffrey Farrugia a fol. 95-96 tal-process.
[15] Ara xhieda ta' Jeffrey Farrugia a fol. 95 tal-process.

Dawn l-imputazzjonijiet huma ta’ serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-hin.

L-imputat ammetta li kien hu li ha l-apparat mill-ufficini ta’ Cyberpass Limited. Pero l-imputat jissottometti li dan m’ghamlux ghal xi vantagg finanzjarju jew xi gwadann iehor, pero biex ipattiha lil Anthony Farrugia, managing director u lil Jeffrey Farrugia, technical director, tal-mod allegatament hazin li dawn agixxew mieghu.

Ghalhekk, il-kwistjoni jekk l-imputat hux hati tal-imputazzjonijiet fuq imsemmija tippernja ruhha fuq il-fatt jekk bl-agir tal-imputat kienux jirrikorru l-elementi kollha tar-reat tas-serq kif definit mill-awturi u mill-gurisprudenza, jew inkella l-fatti kienux jinkwadraw ruhhom taht ir-reat ta’ *ragion fattasi*, kif issottometta l-abbli difensur tal-imputat fit-trattazzjoni orali. L-argument tal-imputat hu li filwaqt li mill-provi jirrizultaw l-elementi kollha tar-reat tas-serq, dak tal-*animus lucrandi* jew tal-*animo di farne lucro* ma jirrizultax.

Mhux kontestat li l-imputat kien qabel impjegat ta’ Cyberpass Limited, liema impjieg gie terminat. Fil-lejl in kwistjoni huwa dahal fl-ufficini tas-socjeta’ Cyberpass Limited, billi sgassa zewg bibien, u ha diversi computers, servers u apparat iehor elettroniku. Skont ix-xhieda tal-imputat, l-ewwel hu hbihom taht it-tarag tal-blokk tal-appartamenti fejn jinsabu l-ufficini, imbaghad iddecieda li jitfaghhom fil-vettura tieghu u fil-ghodu mar jahbihom qalb is-sigar Bahar ic-Caghaq, in-naha tal-White Rocks.

Ghalhekk, ma hemmx dubbju li jirrikorru l-erba’ elementi l-ohra tar-reat ta’ serq, u cioe dawk tal-*“contractatio dolosa di cosa altrui, fatta invito domino”,* li jiffurmaw parti mid-definizzjoni klassika tal-**Carrara**[16] u li giet addottata konstantement mill-Qrati taghna.[17] Pero, l-imputat qed jikkontesta proprju l-hames element, u cioe dak li l-**Carrara** jidentifika bhala *“l’animo di farne lucro”* jew l-*“animus lucrandi”.*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. John Galea et** deciza fit-30 ta’ Jannar 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[18] irriteniet hekk:

[16] **Programma**, **Parte Speciale**, Vol. IV, para 2017.
[17] Ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Mario Tanti et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta’ Dicembru 1944, **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta’ Jannar 1942.
[18] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*"Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035]:-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." U*

*"per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-CRIVELLARI jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*I*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self … …"*

*u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X , para. 1843 jghid:-*

*"il profitto … … deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar ' isfel :-*

*"… … per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917, p..140]*

*Il-Professur Mamo izid jelabora [op.cit.]*

*"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised ... ... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing ) ... ... the crime of theft juridically continues to subsist, inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases."*

*Pero l-istess awtur ikompli jghid (op. cit. p. 306) li :-*

*"The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right, in which case you may have in appropriate circumstances, the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code."*

*L-istess jghid MAINO [op.cit. para 1844] :-*

*"Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno , o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso,*

*esula dal fatto , per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame, l'imputabilita' a titolo di furto."*

*u*

*"Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen., non sara' dunque applicabile il titolo di furto , ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto; e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto , sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno ."*

*Il-CARRARA (op. cit. Vol.IV , para. 2036 ) ukoll jghid li :-*

*"Si esclude in colui che credeva di aver ragione sopra la cosa o intendeva a ricattare un suo credito: il quale si rendera' responsabile di ragion fattasi ma non di furto."*

*u fl-annotazzjoni tal-istess paragrafu , dan il-gurista ikompli jelabora dwar din id-distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u dak ta' ragion fattasi . Hekk jghid :-*

*"La eliminazione del furto per la sua conversione nel titolo di ragion fattasi ha una frequente applicazione ... ... La vidi applicare ad un marito che avendo sorpreso la moglie in adulterio, aveva tolto al drudo l'orologio per ricattarsi. La vidi applicare ad una domestica che sedotta dal proprio padrone, era fuggita dalla sua casa asportando oggetti di valore per supplire alle spese del suo parto. Queste ed altre simili sono conseguenze del principio che al furto richiede il fine della locupletazione e sono conseguenze logiche quando siano rettamente applicate alle contingenze dei fatti. ... ... il vero fondamento della degenerazione del furto in ragion fattasi sta nella mancanza nell'animo di arricchirsi."*

*Umbaghad izid jghid li r-raguni ghal din id-distinzjoni hija wahda:*

*"eminentemente giuridica, cosi' nel rapporto soggettivo, perche' vi e' minore malvagita'; come nel rapporto oggettivo, perche' chi al fine di pagarsi invola un oggetto al suo debitore non reca spavento ad alcuno tranne ai debitori di mala fede, ai quali deve la societa' una protezione minore. La teorica dominante in Italia e' dunque giustissima sotto tutti gli aspetti."*

*Illi umbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe':-*

*a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;*

*b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*c) il-koxjenzja fl-agent li hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u*

*d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

*(ara Appelli Kriminali: "Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia", 17.2.1995; Pulizija vs. Rene' Micallef 6.6.1995, Pulizija vs. Mark John Schembri, 18.9.2002 u ohrajn.)"*

M'hemmx dubbju li l-agir tal-imputat, sar fir-retroxena tat-terminazzjoni bi glied tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' Cyberpass Limited. Fil-fatt, anki d-diretturi tal-istess socjeta' mill-ewwel issuspettaw li kien hu li hadilhom l-apparat l-elettroniku, u precedentement ghal dan l-incident kienu rrappurtawh lill-pulizija minhabba theddid u allegata hsara volontarja.[19] Dan johrog car ukoll mill-istqarrija tal-imputat fejn jghid: *"Irrid nghid li jiena fadalli flus x'niehu ghax fil-fatt l-ewwel tlett xhur ghadni ma thallastx taghhom. ... ...Irrid nghid li jiena ghamilt minn kollox maghhom u hrigt flus tieghi u wzajt ghodda tieghi u sal-lum ma tawnix l-ghodda lura, fil-fatt ghandi sellum u ghaddha ohra* (sic) *u oggetti ohra li ghadhom ghandhom li dawn minghajrom ma nistax nahdem. Hassejt li dawn kissruli hajti ghax issa spiccajt bla xoghol ghalhekk jiena gieni f'mohhi li npattihilhom u ghal fatt li hallewni bla xoghol jiena ridt li nhalli lilhom bla xoghol."*[20] U fix-xhieda tieghu, meta gie mistoqsi ghalfejn hareg l-apparat elettroniku mill-ufficini, l-imputat wiegeb hekk: *"I was trying to get sort of the apprehend* (sic probabbilment "upper hand") *because they have also my things. They still have them till today. Books, CDs ... ... My intention was sort of payback, to do something. To get the upper hand. I mean I reported them to ETC, I reported them to the police, I did not get anywhere with them. They broke into my house, they took my things and I did not get anywhere."*[21]

Din il-Qorti, wara li fliet fid-dettal u rriflettiet fit-tul dwar l-istat d'animo tal-imputat, fil-mument tal-*contractatio,* issib li ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilita biss, li dak li ghamel l-imputat kien *"in the exercise of a pretended right."* Mill-provi jirrizulta li l-imputat kellu diversi lanjanzi kontra d-diretturi tas-socjeta' Cyberpass Limited, ghal mod kif hu hass li abbuzaw mill-qalb tajba tieghu, kien qed jippretendi tlett xhur arretrati ta' paga, kif ukoll zammewlu l-ghodda tieghu ghandhom, u konsegwentement ma setghax jahdem fil-qasam tieghu. Jidher ukoll, fuq bazi ta' probabbilita, li l-iskop tal-imputat li jkollu l-pussess tal-apparat elettroniku kien biex ikollu fi kliemu stess *"the upper hand"* u cioe ikun f'pozizzjoni ahjar u aktar b'sahhitha, biex jiehu dak li kien qed jippretendi li kellu dritt ghalih minghand is-socjeta' Cyberpass Limited.

Fi kliem iehor, din il-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat, seta' ghamlu bil-kredenza li l-att kien qed isir fl-ezercizzju ta' dritt, u f'mument ta' rabja u frustrazzjoni bl-atteggament li kienu qed jiehdu d-diretturi tas-socjeta' Cyberpass Limited. U jekk hu hekk, ikunu jezistu proprju l-elementi imsemmija mill-awturi fuq citati, u cioe dak ta' rikatt, ta' kompensazzjoni u ta' min jahtaf oggett litigjuz biex jiggarantixxi l-kreditu tieghu. Konsegwentement, il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz odjern kien jonqos l-

[19] Ara xhieda tal-Ispettur Bernard Spiteri a fol. 36 tal-process.
[20] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 42 tal-process.
[21] Ara xhieda tal-imputat a fol. 233-234 tal-process.

element importanti tal-*animus lucrandi* jew tal-*animo di farne lucro* mehtieg biex jissussisti r-reat ta' serq.

Illi ghalkemm jidher li r-reat li tieghu kellu jkun akkuzat bih l-imputat, u misjub hati tieghu, kien dak kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti pero, ma tistax issibu hati tieghu, ghax mhux reat kompriz u involut fir-reat ta' serq, imma hu reat ghal kollox differenti, taht titolu separat tal-Kodici Kriminali.

*L-Imputazzjoni dwar ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kodici Kriminali*

L-Artikolu 325(1) jippreskrivi illi *"Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin;"*

Jeffrey Farrugia ezebixxa invoices tal-hsarat sofferti mis-socjeta' tieghu konsegwenza tal-agir tal-imputat. L-ammont totali ta' dawn l-invoices huwa ta' €1305.90.[22] Dan l-ammont jirraprezenta kwantu ghas-somma ta' €948.40 spejjez ghal konsulenza dwar u servizz ta' *security guards* li ingaggat is-socjeta' Cyberpass Limited, kemm qabel kif ukoll wara l-incident. Il-bilanc ta' €357.50 jirrapprezenta l-ispejjez inkorsi ghat-tiswija taz-zewg bibien li gew sgassati mill-imputat.[23]

Ghar-rigward tal-ispejjez konnessi tas-servizz ta' *security guards*, dawn ma jistghu bl-ebda mod jikkwalifikaw bhala hsarat volontarjament kagunati mill-imputat fis-sens tal-Artikolu 325. Dan l-Artikolu jikkontempla hsarat fuq mobbli jew immobbli fizikament ikkagunati mill-imputat, u ma jikkontemplax spejjez li parti civili volontarjament inkorriet sabiex tipprotegi l-proprjeta taghha.

Ghar-rigward l-ispejjez inkorsi tat-tiswija tal-bibien, dawn jaqghu fid-definizzjoni ta' hsarat fuq mobbli taht l-Artikolu 325. Id-difiza resqet provi fis-sens li s-socjeta' Cyberpass Limited tikri l-ufficini in kwistjoni u l-proprjeta ta' dawn l-ufficini u tal-bibien taghhom hija tal-familja Falzon.[24] Id-difiza qed tissottometti illi b'din il-prova gie kreat dubbju dwar min sofra l-hsara.

Il-Qorti tirrileva illi fl-ewwel lok, l-Artikolu 325 ma jaghmilx distinzjoni dwar min ikun effettivament sofra d-danni – hux is-sid legali, jew il-possessur tal-oggett in kwistjoni. Dak li

[22] Ara fol. 117 tal-process.
[23] Ara fol. 123 tal-process.
[24] Ara xhieda ta' Anthony Falzon a fol. 253 tal-process.

l-prosekuzzjoni trid tipprova huwa li l-imputat volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, liema prova fil-fatt saret sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Ghal kull buon fini, jigi rilevat li mid-dokument ezebit a fol. 123 tal-process, li hija l-invoice ta' Victor Bugeja Woodworks ghal hlas tat-tiswijiet tal-bibien, jirrizulta li l-hsara giet sofferta mis-socjeta' Cyberpass Limited, ghax l-invoice hija indirizzata lilha.

Pero kif diga inghad iktar il-fuq l-ammont ta' hsara lil dawn il-bibien huwa ta' €357.50, u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinsab hati taht l-Artikolu 325(1)(a) imma taht l-Artikolu 325(1)(b), stante li l-hsara hija ma tiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), imma hija iżjed minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47). Ir-reat taht l-Artikolu 325(1)(b) huwa kompriz u involut fir-reat taht l-Artikolu 325(1)(a).

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

*L-Imputazzjoni dwar ksur tal-Artikoli 337D(b) u 337F tal-Kodici Kriminali*

L-Artikolu 337 D jippreskrivi li *"Kull persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu* - ... ...

*(b) tieħu pussess ta', tagħmel ħsara fi jew teqred xi computer, sistema ta' computer, computer network, jew provvisti ta' computer li jintużaw jew huma maħsubin li jintużaw f'xi computer, sistema ta' computer jew computer network jew tħassar it-tħaddim ta' xi wieħed minnhom."*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tixtieq tirrileva li n-nota marginali ta' dan l-Artikolu tghid *"uzu mhux dovut ta' hardware"*. Ma hemmx dubbju, anki mill-ammissjoni tal-imputat stess, li l-imputat ha pussess ta' numru ta' computers u ta' provvisti ta' computer li kienu qed jintuzaw f'computer network. Pero mill-provi ma jirrizultax li l-imputat ghamel xi hsara lil dan il-hardware. Fil-fatt Jeffrey Farrugia xehed li ma kienx hemm hsara fuq il-*hardware*, hlief ghal xi brix li seta' sar waqt li kienu qed jigu mormija.[25]

[25] Ara xhieda ta' Jeffrey Farrugia a fol. 95 tal-process.

In oltre, l-imputat ipprova sal-grad tal-probabbli, li hu kien selettiv fl-apparat li ha mill-ufficini u fil-fatt ma missx il-*main server* li kien hemm. L-imputat xehed hekk: *"... ... I never touched the main server. So the main server will show in the photo, there is a cabinet, that is the main server ... ... I never touched it. That I would have killed them in that sense that there is data in it and they will have complication of backing up the data and plus all the telemetry units, they have a memory inside them. When they cannat connect to the server they have a back up on it and that can stay for over a week."*[26] Din ix-xhieda tal-imputat ma giet kontradetta bl-ebda mod u minn hadd. Fil-fatt mir-ritratti ezebiti mar-relazzjoni ta' PC 1253 Frederick Brincat[27] hemm ritratt ta' cabinet b'server go fih.[28]

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 337D(b) tal-Kodici Kriminali

*L-Imputazzjoni dwar ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali*

Mill-provi jirrizulta li l-imputat irrezista l-arrest u ipprova anke jigdem lis-surgent, u ghalhekk huwa ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija u fixxkilhom waqt li qed jaqdu dmirijithom bi ksur tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali.

[26] Ara xhieda tal-imputat a fol. 236 tal-process.
[27] A fol. 108 tal-process
[28] Ritratt 09 – BKB – 116.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghar-rigward tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat illi l-imputat ikkopera mal-pulizija, ghalkemm wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat inqabad *red handed* mill-pulizija qieghed jahbi l-apparat taht is-sigar ta' Bahar ic-Caghaq.

Hija ikkunsidrat ukoll illi ghalkemm l-imputat ha numru sostanzjali ta' apparat tal-*computers* mill-ufficini tas-socjeta' Cyberpass Limited, huwa ma missx il-*main server* li hu l-apparat l-izjed kritiku u importanti ghas-socjeta', kif inghad aktar il-fuq. Fil-fatt, wara li s-socjeta' Cyberpass Limited hadet lura l-apparat li kien ha l-imputat, hija setghet terga' tibda tahdem minghajr problemi.

Pero mill-provi irrizulta li s-socjeta' Cyberpass Limited sofriet danni ta' €357.50, sabiex issewwi z-zewg bibien li zgassa l-imputat.

Mill-provi, senjatament mix-xhieda ta' John Refalo[29] u l-ittra tal-Onorevoli Prim Ministru tat-3 ta' Lulju 2012,[30] jirrizulta li l-imputat huwa persuna affidabbli. Pero, mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta li l-imputat gia gie ikkundannat sitt (6) darbiet minn dawn il-Qrati, tnejn minnhom talli ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna, kundanna ohra talli insulta u hedded persuna, u kundanna ohra talli bi kliem, b'gesti jew mod iehor wegga' persuna u ikkaguna lil din il-persuna biza' li se tintuza vjolenza kontriha. Dawn il-kundanni juru li l-imputat ma hux dejjem kapaci jikkontrollha lilu innifsu meta jkun irrabjat.

[29] Ara xhieda ta' John Refalo a fol. 260 *et seq.* tal-process.
[30] Ezebita bhala Dok PM1.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b), (c), (d), (f), 263, 264, 267, 268(a) u (d), 270, 278(3), 279(b), 280(2), 325(1)(a) u (b), 467(4), 525, 337D(b), 337F, 338(ee) u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 261(b), (c), (d), (f), 263, 264, 267, 268(a) u (d), 270, 278(3), 279(b), u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk qed tilliberah minnhom, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 467(4) u 525 tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kontemplata fl-Artikolu 325(1) pero taht is-subinciz (1)(b) u mhux taht is-subinciz (1)(a), kif ukoll issibu hati tal-imputazzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 337D(b), 337F u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sena (1), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghall-piena ta' hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tnejn (2) ta' Mejju 2014, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin Euro u hamsin centezmu (€357.50) lis-socjeta' Cyberpass Limited fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti d-danni sofferti mill-istess socjeta' sabiex issewwi l-bibien sgassati.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------